31998D0512

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Lulju 1998

li tirrikonoxxi fil-prinċipju l-kompletezza tad-dokumenti legali sottomessi għal eżami dettaljat invista ta' l-inklużjoni possibli ta' BAS 620H (tepraloxydim), S-metolachlor u SZX 0722 (iprovalicarb) fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar it-tqegħid ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti fis-suq

(kif notifikat fid-dokument Nru C(1998) 2368)

(Test b'relevanża għaż-ŻEE)

(98/512/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti fis-suq [1] kif emendat l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 98/47/KE [2] u partikolarment bl-Artikolu 6(3) mill-istess dokument,

Billi Direttiva 91/414/KEE (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva") ipprovdiet għall-iżvilupp ta' lista tal-Komunità ta' sustanzi attivi awtorizzati biex jiġu inkorporati fi prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti;

Billi applikanti issottomettew dokumenti legali dwar tliet sustanzi attivi lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għall-inklużjoni ta' sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva;

Billi dokument legali dwar is-sustanzi attivi BAS 620H (tepraloxydim) kien sottomess minn BASF AG lill-awtoritajiet Spanjoli fil-11 ta' Settembru 1997;

Billi dokument legali dwar is-sustanza attiva S-metolachlor kien sottomess minn SA Novartis Agro NV lill-awtoritajiet Belġjani fl-1 ta' Awissu 1997;

Billi dokument legali dwar is-sustanza attiva SZX 0722 (inprovalicarb) kien sottomess minn Bayer AG lill-awtoritajiet Irlandiżi fit-30 ta' Marzu 1998;

Billi dawn l-awtoritajiet għaddew lill-Kummissjoni r-riżultati ta' l-ewwel eżaminazzjoni tal-kompletezza tad-dokument legali fir-rigward ta' l-esiġenzi tad-*data* u l-informazzjoni kif provdut fl-Anness II u, ta' mill-anqas prodott wieħed ta' protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III tad-Direttiva; billi sussegwentement, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(2), id-dokumenti legali kienu mgħoddija mill-applikanti lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra;

Billi d-dokumenti legali dwar BAS 620H (tepraloxydim), S-metolachlor u SZX 0722 (iprovalicarb) kienu riferuti lill-Kumitat Permanenti fuq is-Saħħa tal-Pjanti fil-21 t'April 1998;

Billi l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva jirrikjedi li jiġi konfermat fil-livell tal-Komunita li kull dokument legali għandu jkun ikkunsidrat li jissodisfa fil-prinċipju r-rekwiżiti dwar l-esiġenzi tad-*data* u l-informazzjoni kif provdut fl-Anness II u, ta' mill-anqas prodott wieħed ta' protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III tad-Direttiva;

Billi din il-konferma hija meħtieġa biex jimxi 'l quddiem il-proċess ta' l-eżaminazzjoni dettaljata tad-dokument legali kif ukoll biex isir possibbli għall-Istati Membri li jawtoriżżaw b'mod temporanju l-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom din is-sustanza attiva b'rispett lejn il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva, u partikolarment il-kundizzjoni li jsir assessjar dettaljat tas-sustanzi attivi u l-prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti fejn jirrigwarda l-htiġijiet tad-Direttiva;

Billi din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax li aktar *data* jew informazzjoni tista' tkun mitluba mingħand l-applikant fejn b'daqshekk ikun jidher waqt l-eżaminazzjoni dettaljata li din l-informazzjon jew *data* tkun meħtieġa biex tittieħed Deċiżjoni;

Billi hu miftiehem bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni li Spanja tmexxi 'l quddiem l-eżaminazzjoni dettaljata tad-dokument legali dwar il-BAS 620H (tepraloxydim), li l-Belġju jmexxi 'l quddiem l-eżaminazzjoni dettaljata tad-dokument legali dwar l-S-metolachlor u li l-Irlanda tmexxi 'l quddiem l-eżaminazzjoni dettaljata tad-dokument legali dwar l-SZX 0722 (iprovalicarb);

Billi Spanja, il-Belġju u l-Irlanda għandhom jirrapurtaw il-konklużjonijiet ta' l-eżaminazzjoni tagħhom flimkien ma' xi rakkomandazzjoni dwar l-inklużjoni jew l-esklużjoni u xi kundizzjonijiet relatati lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn żmien sena, u hekk kif jasal dan ir-rapport l-eżaminazzjoni dettaljata tkompli bl-għajnuna ta' esperti mill-Istati Membri kollha fi ħdan il-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti;

[1] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 191, tas-7.7.1998, p. 50.

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Id-dokumenti legali li ġejjin jissodisfaw fil-prinċipju l-esiġenzi tad-*data* u l-informazzjoni kif ipprovdut fl-Anness II u, mill-anqas prodott wieħed tal-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III tad-Direttiva, meta wieħed jikkunsidra l-użu propost:

1. Id-dokument legali sottomess minn BASF AG lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri in vista ta' l-inklużjoni ta' BAS 620H (tepraloxydim) bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u li kien riferit lill-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti fil-21 ta' April 1998.
2. Id-dokument legali sottomess minn SA Novartis Agro NV lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri invista ta' l-inklużjoni ta' l-S-metolachlor bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u li kien riferit lill-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti fil-21 ta' April 1998.
3. Id-dokument legali sottomess minn Bayer AG lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri invista ta' l-inklużjoni ta' l-SZX 0722 (iprovalicarb) bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u li kien riferit lill-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjani fil-21 ta' April 1998.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Lulju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni